MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 881/1997/1

**Paul u Agnes konjuġi BEŻŻINA**

**vs**

**EAGLE BEAMS LIMITED u Joseph u Maria konjuġi Cauchi**

**Il-Qorti**:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 t'April, 1997, li bih l-atturi ippremettew:-

Illi qabel is-sena 1992, l-attriċi kienet proprjetarja flimkien ma' terzi tal-fond 114/115/116, Tarxien Road, Paola liema fond kien jikkomrpendi kamra żgħira li taċċedi għaliha wkoll minn Dockyard Street, Paola bin-numru stradali 101A, u li tinsab delinejata bil-blu fil-pjanta annessa markata Dokument "A";

Illi fid-9 ta' Diċembru 1992 din il-kamra ġiet segregata mill-kumplament tal-fond fuq imsemmi kif jidher mir-riċevuta tal-bennej Joseph Sultana (Dokument "B");

Illi fl-14 ta' Ġunju 1993 l-attriċi u t-terzi biegħu l-fond 114, 115 u 116 Tarxien Road, Paola kif segregat minn din il-kamra lis-soċjeta' konvenuta Eagle Beams Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (Dokument "C");

Illi b'kuntratt tas-6 t'April 1995 in atti tan-Nutar Mario Bugeja (Dokument "D"), l-atturi xtraw l-iqsma indiviżi tat-terzi tal-imsemmija kamra żgħira biex b'hekk ġew proprjetarji assoluti tal-istess kamra żgħira;

Illi riċentement is-soċjeta' konvenuta daħlet f'konvenju mal-konvenuti konjuġi Cauchi biex tbiegħ il-fond li hi kienet xtrat bil-kuntratt tal-14 ta' Ġunju 1993 fuq imsemmi u mal-konvenju l-istess konjuġi Cauchi ngħataw ukoll il-pussess tal-istess fond għalkemm l- atturi ma jafux jekk is-soċjeta' konvenuta żammitx ukoll il-pussess;

Illi għal ħabta ta' nofs Marzu 1997 l-atturi sabu tiċrita fil-ħajt li kien inbena biex jissegrega l-kamra tal-atturi mill-fond mibjugħ lis-soċjeta' konvenuta;

Illi għalkemm l-atturi sewwew din it-tiċrita, huma saru jafu li sija s-soċjeta' konvenuta u sija l-konvenuti konjuġi Cauchi qed jivvantaw il-pretensjoni li l-kamra tal-atturi tifforma parti mill-fond akkwistat mis-soċjeta' konvenuta u li jifforma l-mertu tal-konvenju bejn l-istess konvenuti;

Illi minħabba f'din il-pretensjoni, l-atturi talbu u ottenew il-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni (mandat numru 1561/97) kontra l-konvenuti kollha sabiex dawn ġew inibiti milli jbiegħu, jneħħu, ,jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu onerus jew gratuwitu mill-kamra tal-atturi jew milli abusivament jeżerċitaw xi forma ta' pussess fuqha;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-kamra żgħra li llum ġġib l-indirizz 101A, Dockyard Street, Paola u li tinsab imniffda mal-fond 112, Tarxien Road, Paola, u li hija delinejata bil-blu fil-pjanta Dokument "A", hija proprjeta' assoluta tal-atturi u qatt ma ġiet trasferita lis-soċjeta' konvenuta bil-kuntratt tal-14 ta' Ġunju 1993 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja;

2. Konsegwentement tinibixxi għal dejjem lill-konvenuti milli jbiegħu, jneħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu b'xi mod mill-imsemmija kamra jew jeżerċitaw xi forma ta' pussess fuqha;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1561/97 kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħhom;

Rat in-Nota mressqa fit-23 ta' April, 1998, li biha l-kumpannija mħarrka Eagle Beams Limited eċċepiet:

1. Illi l-atturi jridu preliminarjament jippruvaw illi l-attriċi kienet proprjetarja flimkien ma' terzi tal-fond 114/115/116, Tarxien Road, Paola;

2. Illi fil-mertu, l-esponenti ma jaqblux ma' l-interpretazzjoni tad-dokumenti kontrattwali mogħtija mill-atturi, stante li l-konvenuti akkwistaw validament in forza ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Dottor Mario Bugeja fl-14 ta' Ġunju 1998 anke l-kamra żgħira li tifforma l-mertu tat-talba attriċi;

3. Illi kwantu għat-tieni talba attriċi, din ma ssibx fondament fil-liġi peress illi hija inkompatibbli talba għal projbizzjoni perpetwa in forza ta' sentenza;

Salvi eċċezzjonjiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat il-Kontro Talba mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-23 ta' April, 1998, li biha ippremettiet:

1. Illi s-soċjeta' konvenuta Eagle Beams Limited akkwistat in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Mario Bugeja fl-14 ta' Ġunju 1998 il- fond mija u erbatax (114), mija u ħmistax (115) u mija u sittax (116) ġia numru ħamsa u sebgħin, sitta u sebgħin u sebgħa u sebgħin (75, 76 u 77), f'Tarxien Road, Paola b'faċċata oħra fuq Dockyard Street, numru ħamsa u disgħin, sitta u disgħin u sebgħa u disgħin (95, 96 u 97);

2. Illi l-atturi qed jippretendu l-proprjeta' ta' kamra żgħira li llum iġġib l-indirizz 101A, Dockyard Street, Paola;

3. Illi din il-kamra ġiet validament akkwistata flimkien mal-proprjeta' fl-intier indikata fl-ewwel premessa ta' din il-kontrotalba rikonvenzjonali;

4. Illi s-soċjeta' konvenuta rikonvenjenti kienet daħlet f'konvenju mal-konvenuti l-oħra iżda dan tħassar għaliex l-istess soċjeta' konvenuta ġiet inibita milli tittrasferixxi l-proprjeta' u dan in forza ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1561/97 u konsegwentement sofriet id-danni;

Jgħidu għalhekk l-atturi rikonvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kamra żgħira li llum ġġib l-indirizz 101A, Dockyard Sreet, Paola u li tinsab imniffda mal-fond 112, Tarxien Road, Paola tappartjeni lis-soċjeta' Eagle Beams Limited;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi bl-aġir tagħhom ikkawżaw danni lis-soċjeta' konvenuta Eagle Beams Limited minħabba l-aġir u l-ommissjonijiet tagħhom kif suespost;

3. Tillikwida d-danni hekk ikkawżati;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jħalllsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-imgħax, bl-ispejjeż u bir-riżerva ta’ kull azzjoni fil-Liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija rikonvenjenti;

Rat in-Nota mressqa fl-4 ta’ Mejju, 1998, li biha l-imħarrkin miżżewġin Cauchi eċċepew:

1. Preliminarjament illi l-eċċipjent għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi huwa ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi stante li huwa mhux biss ma xtarax il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u ċioe 114/115/116 Tarxien Road, Pawla, imma lanqas ma għandu konvenju mas-soċjeta’ Eagle Beams Limited għal dan l-istess fond u dana billi l-konvenju li kien ġie ffirmat bejniethom fl-14 ta’ Frar 1997 skada xhur ilu u qatt ma ġie rinnovat bejn il-partijiet;

2. Illi fil-merrtu u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż billi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-eċċipjenti billi huwa ma għandu x’jaqsam xejn mal-proprjeta’ imsemmija fiċ-ċitazzjoni, tant illi l-fond numru 101a. Dockyard Street, Pawla kien eskluz minn dan il-konvenju u dan kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt il-kawża; għalhekk, u jekk hemm xi kwistjoni dwar il-‘kamra żgħira’ żgur din il-kwistjoni ma għandhiex, u qatt ma kellha, x’taqsam mal-eċċipjenti;

3. Salve eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin miżżewġin Cauchi;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-11 ta’ Mejju, 1998, li biha eċċepew:

Preliminarjament in-nullita tal-kontrotalba stante li meta s-soċjeta’ konvenuta akkwistat il-fond 114, 115 u 116

f'Tarxien Road, Paola, il-vendituri ma kienux l-atturi iżda l-attriċi u terzi persuni li mhumiex fil-kawża odjerna;

Illi sussidjarjament u bla pregudizzju t-talbiet proposti fil-kontrotalba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kamra żgħira in kwistjoni qatt ma ġiet trasferita lis-soċjeta' konvenuta u konsegwentement is-soċjeta' konvenuta ma tista' titlob ebda danni;

Illi fi kwalunkwe każ, lanqas ma huwa minnu li s-soċjeta' konvenuta sofriet xi danni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi rikonvenuti;

Rat is-Sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Diċembru, 1998[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenuti miżżewġin Beżżina dwar is-siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-kumpannija mħarrka Eagle Beams Limited;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2000[2], u tat-13 t'Ottubru, 2000[3];

Rat il-verbali tas-smigħ tas-26 ta' Jannar, 2001, tat-2 t'April, 2001, tat-22 ta' Ġunju, 2001, tas-17 ta' Ottubru, 2001, tal-14 ta' Diċembru, 2001, tal-1 ta' Marzu, 2002, u tal-15 ta' Mejju, 2002;

Rat in-Nota konġuntiva mressqa mill-partijiet fis-6 ta' Marzu, 2002[4], dwar il-valuri tat-tielet u r-raba' talbiet rikonvenzjonali;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Lulju, 2002, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Novembru, 2002[5], li bih u fuq talba b'rikors tat-3 ta'

[1] Paġġ. 39 sa 50 tal-proċess
[2] Paġ. 124 tal-proċess
[3] Paġ. 140 tal-proċess
[4] Paġ. 153 tal-proċess

Settembru, 2002, imressaq mill-imħarrek Joseph Cauchi, waqfet milli tgħaddi biex tagħti s-sentenza u ħalliet il-kawża għas-smigħ quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fl-4 ta' Marzu, 2003[6], flimkien mad-dokument mehmuż magħha, li biha l-atturi ċedew l-atti tal-kawża fil-mertu imma żammew sħiħ il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda magħhom ix-xhieda li nstemgħet mill-Qorti u dik imressqa bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet tad-9 ta' Diċembru, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-aspetti tal-kawża li ma kinux ġew ċeduti;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' rivendika. L-atturi jridu li jiġi dikjarat li kamra żgħira li llum tagħmel parti minn post ieħor tagħhom, imma li qabel kienet tagħmel parti minn korp ta' bini li kellha jedd minnu l-attriċi, titqies li hija tagħhom u mhux ta' xi wieħed mill-imħarrkin;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi ċaħdet li l-kamra kienet tagħmel parti mill-ġid tal-atturi, u tisħaq li l-ambjenti ta'dik il-kamra kienet kisbithom mingħand l-attriċi u s-sidien l-oħrajn meta biegħulha l-ambjenti tal-post l-ieħor. Ressqet ukoll azzjoni rikonvenzjonali kontra l-atturi li fiha qegħda titlob il-kundanna tal-atturi għad-danni minħabba li nżammet b'Mandat maħruġ mill-atturi milli tbiegħ lill-imħarrkin l-oħrajn Cauchi il-proprjeta' li kienet kisbet mingħand l-attriċi u s-sidien l-oħrajn;

[5] Paġ. 162 tal-proċess
[6] Paġġ. 163 sa 167 tal-proċess

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Cauchi laqgħu billi qalu li qatt ma kellhom xi rabta ġuridika mal-atturi u li għalhekk kellhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża. Minbarra dan, seħqu li l-kamra li l-atturi ressqu l-kawża tagħhom dwarha ma kienet qatt tagħmel parti mill-ftehim li kellhom mal-kumpannija mħarrka fil-konvenju;

Illi, għall-azzjoni rikonvenzjonali, l-atturi laqgħu billi qalu li dik il-kontro-talba ma tiswiex u li ma huwiex minnu li l-kumpannija mħarrka ġarrbet xi danni;

Illi, billi waqt is-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2003, l-atturi ċedew il-kawża fil-mertu, fid-dawl tal-kuntratt ta' kjarifika ippubblikat fl-erbatax ta' Novembru, 2002[7], din il-Qorti għad fadlilha tqis il-kwestjoni tal-ispejjeż tal-kawża u kif ukoll it-talba rikonvenzjonali tal-kumpannija mħarrka ladarba r-rinunzja tal-atti tal-kawża oriġinali m'hijiex ta' xkiel għall-mixi 'l quddiem u d-deċiżjoni tal-kontro-talba[8];

Illi, fil-qosor u għal dak li huwa rilevanti għall-kwestjonijiet li għadhom fis-seħħ, il-fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru l-attriċi, flimkien ma' oħrajn, kienet sid ta' korp ta' bini f'numri mija u erbatax (114), mija u ħmistax (115) u mija u sittax (116) fi Triq Ħal Tarxien, Raħal Ġdid, liema ġid kellu tliet bibien oħrajn jagħtu fuq Triq it-Tarzna. Fuq in-naħa ta' wara tal-imsemmi korp, u tmiss ukoll mal-bitħa tal-post bin-numru mija u tnax (112) fi Triq Ħal Tarxien minn naħa u l-istess Triq it-Tarzna min-naħa l-oħra, kien hemm kmajra. Matul dik is-sena, s-sidien kienu daħlu fi ftehim ta'wegħda ta' xiri u bejgħ mal-imħarrkin Cauchi[9]. Dan il-ftehim ma seħħx għal raġunijiet li ma jaħtux għalihom l-atturi[10]. F'Diċembru tal-1992[11], l-atturi firdu din il-kmajra minn mal-bini li kienet tagħmel minnu qabel billi qabbdu lil min itella' ħajt u niffduha mal-bitħa tal-post bin-numru 112. F'Ġunju tal-1993[12], il-kumpannija mħarrka xtrat mingħand l-attriċi u s-sidien l-oħrajn dak li kien fadal mill-korp ta' bini. F'April tal-1995[13], l-attriċi xtrat mingħand

[7] Paġ. 165-6 tal-proċess
[8] Art. 401 tal-Kap 12
[9] Dok "E", f'paġ. 58 tal-proċess
[10] Dok "F", f'paġ. 59 tal-proċess
[11] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[12] Dok "Ċ", f'paġġ. 8 sa 14 tal-proċess
[13] Dok "D", f'paġġ. 15-8 tal-proċess

is-sidien l-oħrajn kull sehem li huma kellhom fl-imsemmija kamra;

Illi jirriżulta wkoll li fi Frar tal-1997[14], l-imħarrkin Cauchi daħlu fi ftehim ta' wegħda ta' xiri u bejgħ tal-korp ta' ġid mal-kumpannija mħarrka. Inqalgħet id-diffikulta' dwar il-kamra u għalkemm kienet saret kitba f'Marzu tal-1997, l-imħarrek Cauchi għal darb'oħra spiċċa ħareġ mill-konvenju u tilef id-depożitu li kien ħallas. Fil-21 ta' April, 1997, infetħet il-kawża. Fl-14 ta' Novembru, 2002, sar kuntratt ta' kjarifika bejn il-kumpannija mħarrka u l-attriċi u s-sidien l-oħrajn tal-korp ta' ġid li fih ingħad li l-kamra ma kinitx tagħmel parti mill-kuntratt li kien sar bejniethom f'Ġunju tal-1993;

Illi l-Qorti tibda biex tqis il-kwestjoni tal-azzjoni rikonvenzjonali, u dan għaliex id-determinazzjoni ta' din il-pretensjoni tolqot il-kwestjoni tal-ispejjeż tal-kawża li l-atturi żammew fis-seħħ meta ressqu n-Nota ta' Ċessjoni tagħhom dwar il-mertu. Fis-sewwa jingħad li ma tressqet l-ebda prova mill-kumpannija mħarrka dwar id-danni minnha mġarrba. Ix-xhieda kollha li ngħatat fil-kawża kienet marbuta biss mal-kwestjoni tat-talba attriċi. Lanqas ma ngħad xejn dwar dan mill-partijiet meta ġie ippubblikat il-kuntratt ta' kjarifika. Hemmhekk ukoll, il-qofol kien jirrigwarda l-kamra mertu tal-azzjoni attriċi bid-dikjarazzjoni li din ma kienet qatt tappartieni lill-kumpannija mħarrka;

Illi, minbarra dan, tressqet xhieda li turi li mhux talli l-kumpannija mħarrka ma ġarrbitx telf, imma ntwera li d-depożitu ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8,000) li kienu ħallsu l-imħarrkin Cauchi fl-att ta' wegħda ta' bejgħ u xiri nżamm mill-kumpannija mħarrka meta Cauchi ħarġu mill-imsemmi konvenju. Madankollu, huwa fatt ukoll li, fin-Nota mressqa mill-partijiet (minbarra Cauchi) f'Marzu tal-2002 (u jiġifieri qabel ma kien ġie ippubblikat il-kuntratt ta' kjarifika), ingħad li "b'riferenza għat-tielet u raba' talba kontenuti fil-kontrotalba tas-soċjeta' Eagle Beams Ltd., jiddikjaraw **li d-danni in kwestjoni jammontaw għal mitt lira (Lm**

[14] Affidavit ta' Joseph Cauchi, 21.1.2000, f'paġ. 134 tal-proċess

**100)**". Fil-fehma tal-Qorti, dak li hemm imniżżel fl-imsemmija Nota jammonta għal ammissjoni ta' fatt min-naħa tal-atturi u jorbothom[15];

Illi mill-bqija u minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, jidher li dwar il-kwestjoni tal-appartenenza tal-kamra, l-kumpannija mħarrka kellha sehem ewlieni f'dak li seħħ. Kemm hu hekk, jirriżulta li meta sar il-ftehim dwar il-bejgħ bejn is-sidien u l-istess kumpannija (fl-1993) l-atturi kienu għamluha ċara lir-rappreżentant tal-kumpannija mħarrka li l-imsemmija kmajra ma kinitx tagħmel parti mill-ġid imwiegħed fil-bejgħ, u l-istess rappreżentant tal-kumpannija (Charles Polidano) wera li ma kellu l-ebda interess fihom[16]. Hemm, imbagħad, id-dikjarazzjoni magħmula fl-att ta' kjarifika li sar f'Novembru tal-2002, li jikkonferma l-fehma tal-istess kumpannija mħarrka (b'mod retrospettiv) li l-kmajra ma kienet qatt tagħmel parti mill-ġid li hija kienet kisbet mingħand l-attriċi u s-sidien l-oħrajn. Min-naħa l-oħra, meta Cauchi reġa' wera interess li jikseb il-ġid mixtri mill-kumpannija mħarrka, din webblitu li kienet sid ta' dik il-kmajra u li saħansitra kienet sejra tiftaħ proċeduri kontra l-atturi għar-rivendika tagħha mingħandhom u daħlet fi ftehim partikolari ma' Cauchi dwar iż-żamma min-naħa tiegħu ta' parti mill-prezz sakemm il-kumpannija mħarrka tikseb it-"titolu ta' pussess assolut ta' dik il-parti tal-ġnien"[17]. Din ix-xhieda ma meriha ħadd minkejja r-riżerva li saret mill-partijiet l-oħrajn;

Illi l-Qorti ma tistax tagħti wisq kreditu għas-sottomissjonijiet tal-atturi li l-kwestjoni kollha qalagħha l-imħarrek Cauchi. Wieħed ma jridx jinsa li, kif stqarr l-attur innifsu, meta l-ewwel ftehim ta' xiri u bejgħ sar bejn l-attriċi (u s-sidien l-oħra) u Cauchi, dik il-kmajra kienet (għal raġuni jew oħra li, f'dan il-waqt, m'hijiex rilevanti) tagħmel parti mill-bejgħ oriġinali. Il-ħajt biex jifred il-kamra mill-bqija tal-binja ttella' wara li Cauchi ħareġ mix-xena. Meta Cauchi reġa' wera interess fil-bini (fl-1997, meta reġa' lura mill-Awstralja) twebbel mill-kumpannija mħarrka li l-kamra

---

[15] Art. 693 tal-Kap 12
[16] Ara xhieda ta' Francis Brincat 11.10.1999, f'paġġ. 87-9 tal-proċess
[17] Affidavit ta' Joseph Cauchi 21.1.2000, f'paġ. 135 tal-proċess

kienet għadha tagħmel parti mill-beni li kien sejjer jikseb mingħandha. L-abbli difensur tal-atturi tefa' piż rilevanti fuq ix-xhieda ta' rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar[18] u fuq pjanta li dan esebixxa[19] bħala prova li Cauchi kien jaf, sa mill-1992, li l-kmajra ma kinitx tagħmel parti mill-bini li kien sejjer jixtri mingħand is-sidien. Din ix-xhieda hija kontradetta kemm minn dik tal-attur innifsu u kif ukoll minn dak li, sal-1997, kien għadu qiegħed jingħad lil Joseph Cauchi minn min kien is-sid tal-ġid li kien mill-ġdid imħajjar li jikseb;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha (u oħrajn siewja msemmijin mill-abbli difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni tal-għeluq), il-Qorti ma tarax għaliex l-istess Cauchi għandu jitgħabba bil-piż li jħallas l-ispejjeż tal-kawża li, kif joħroġ mill-atti, ġiet transatta u kjarifikata bi ftehim li l-atturi u l-kumpannija mħarrka għamlu bejniethom u mingħajr is-sehem tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis it-talbiet attriċi** fid-dawl tan-Nota taċ-Ċessjoni mressqa minnhom;

**Tiċħad l-ewwel mit-talbiet rikonvenzjonali** tal-kumpannija mħarrka billi mhix mistħoqqa;

**Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali** u tqis li l-atturi rikonvenuti jaħtu għad-danni mġarrbin mill-istess kumpannija mħarrka;

**Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija mħarrka fis-somma ta' mitt lira Maltija (Lm 100);

**Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali** billi tikkundanna lill-atturi jħallsu lill-kumpannija mħarrka s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm 100) bħala danni likwidati kif fuq ingħad; u

**Tordna** li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kif qiegħed jingħad:

18 Xhieda ta' Johann Buttiġieġ 15.3.2000, f'paġġ. 126-9 tal-proċess
19 Dok "JB4", f'paġ. 123 tal-proċess

(a) l-ispejjeż tal-azzjoni rikonvenzjonali għajr għal dawn marbuta mal-ewwel talba (li għandhom jitħallsu mill-kumpannija mħarrka) jitħallsu mill-atturi, flimkien mal-ispejjeż tas-sentenza preliminari tal-4 ta’ Diċembru, 1998, dwar is-siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali, kif tgħid l-imsemmija sentenza;

(b) l-ispejjeż tal-azzjoni attriċi jitħallsu mill-kumpannija mħarrka; filwaqt li

(ċ) l-ispejjeż tal-imħarrkin Cauchi jitħallsu mill-atturi u mill-kumpannija mħarrka bin-nofs bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------